MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 153/2004

**Martin Deguara**

**vs**

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li jiffurmaw is-syndicates bin-numri 1245, 501, 807 u 727 ta' 19, Triq Zakkarija, Valletta VLT 10 u Rausi Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Marzu tas-sena 2004 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-attur is-somma illi tigi likwidata minn din il-qorti rapprezentanti danni sofferti mill-istess

attur meta, wara incident stradali illi sehh fid-9 ta' Jannar ta' l-1999, naqsu milli jsewwu u jirriparaw l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FAB – 426, proprjeta' ta' l-istess attur, liema vettura kienet assikurata taht polza ta' assigurazzjoni 'fully comprehensive' u liema danni jikkonsistu, 'inter alia', fi spejjez inkorsi mill-attur fi sforz sabiex iwettaq tiswijiet li ma twettqux mis-socjetajiet konvenuti, hlasijiet ta' licenzji inutilment meta l-vettura ghamlet snin shah mhux utilizzabbli u deprezzament fil-valur tal-vettura bejn il-valur illi kellha qabel l-incident u l-valur illi ghandha wara l-incident u t-tiswijiet imwettqa mis-socjetajiet konvenuti;

2. Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjetajiet konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

3. Illi ghall-finijiet ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur tad-danni reklamati mill-attur ma jeccedix is-somma ta' tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0);

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti datata s-16 ta' April tas-sena 2004 li permezz taghha eccepew is-segwenti;

1. Illi Rausi Insurance Agency Limited tagixxi qua agenti tal-assikurazzjoni u ghalhekk m'ghandhiex "locus standi de proprio' f'din il-kawza li tirrigwarda materja rizultanti minn polza t'assikurazzjoni minnha mahruga ghan-nom ta' terzi;

2. Illi in kwantu l-konvenuta Lloyds' Malta Limited, din teccepixxi preliminarjament li l-polza in kwistjoni hi suggetta ghal klawsola arbitrali;

3. Lli ghalhekk ghat-tenur ta' l-artikolu 15 tal-Kapitolu 387, hemm lok li jitwaqqfu dawn il-proceduri, sabiex it-talba odjerna ssir quddiem arbitru appuntat skond l-istess polza t' assikurazzjoni;

4. Illi fil-mertu tal-kawza teccepixxi li t-talba attrici hija nfondata fil-fatt, ghaliex it-tiswijiet imsemmija gew kollha mhallsin minnha skond il-polza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi l-vertenza odjerna hi f'dan l-istadju limitata mill-fatt jekk din il-procedura hijiex wahda legittima jew minflok, din kellhiex tigi indirizzata lill-arbitru;

Illi skond il-klawsola indikata bhala numru 13 fic-certifikat ta' assikurazzjoni a fol 12 ta' l-istess certifikat, korrispondenti ghal fol 119 ta' din il-procedura, jinghad esplicitament li kwalunkwe vertenza naxxenti mill-istess ghandu jkun riferit lill-arbitru li ghandu jkun mahtur skond il-modalitajiet hemm imposti;

Illi ghalhekk tali klawsola tipprekludi lil din il-qorti milli jkollha gurisdizzjoni fir-rigward u dan fuq ftehim liberament pattwit esklussivament bejn il-partijiet;

Illi ghaldaqstant l-indirizz ta' din il-vertenza lil din il-qorti hu wiehed irritu u ineffettiv;

Ghaldaqstant, din il-qorti, filwaqt li tiddikjara li qed takkolji t-tieni eccezzjoni tas-socjetajiet konvenuti, tiddikjara li m'ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-vertenza odjerna u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz, bl-ispejjez kontra l-attur.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------